TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 226/16/F

**Andrew u Maryanne Farrugia**

**vs**

**Conimex**

Illum 5 ta' Diċembru, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-24 ta' Novembru, 2016 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni erba' mija u ħamsa u sebgħin ewro (€475), rappreżentanti prezz ta' fridge/freezer li ma kellha l-ebda marki jew indikazzjoni ta' liema ditta hi.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew illi huma kienu xtraw fridge/freezer mingħand Conimex bl-isem indikat fuqha u kif ukoll AAA+. Meta ġiet ikkonsenjata l-fridge/freezer irriżulta li la isem ma kellha u kif ukoll lanqas il-kwalita' AAA+ jew kwalita' oħra.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet li l-fridge/freezer kienet kif ordnaw huma u li ma kellhiex tiswijiet fuqha.

It-Tribunal, iħoss li dan huwa nuqqas ta' attenzjoni u traskuraġni daparte tas-soċjeta' ntimata u mhux aċċettabli stante li meta tixtri tkun trid tkun taf eżatt x'qed tixtri.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitejn ewro (€200), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi l-fridge/freezer tibqa' propjeta' tar-rikorrenti.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888